# LIL DR. A. CREMONA

**(F'egħluq id-90 sena)**

**Ta' ĠORĠ CHETCUTI**

Għaddew disgħin. Nisthajlek qisu l-bieraħ
Tiġi d-dar tagħna biex tkellem lil ħija;
Kliemkom kien għaqli, ħsiebkom ma kienx fieragħ,
Taħdmu flimkien għall-ġieh ta' l-art Maltija.

U meta kbirt għaraft kemm int fis-sewwa
Ħabbejt l-ilsien li jkabbar art twelidek;
Il-kelma safja rqamt b'sabar u ħlewwa:
Dak li ħassejt fil-qalb sawwartu b'idek.

Li bniedem jgħix għal għan bħal tiegħek siewi
Mhemm xejn isbaħ w aħjar, ta' glorja w ġieh,
Il-ħajja ma titqiesx bil-għadd ta' xtiewi
Iżda bl-egħmejjel tagħha tajba w sbieħ.

Disgħin għaddew. Matul il-għomor tiegħek
Għaraft bħal siġra tkabbar ismek miegħek.